



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

14283/23

LIMITE

UD 229
POLCOM 242

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0360(NLE)

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	16 ta' Ottubru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 589 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt imwaqqaf mill-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji fir-rigward tal-emendar tal-Konvenzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 589 final.

Mehmuż: COM(2023) 589 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.10.2023
COM(2023) 589 final

2023/0360 (NLE)



Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Komitat Konġunt imwaqqaf mill-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orġini pan-Ewro-Mediterranji fir-rigward tal-emendar tal-Konvenzjoni

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Il-Kumitat Konġunt tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orġini pan-Ewro-Mediterranji (“il-Kumitat Konġunt tal-PEM”) beħsiebu jadotta deċiżjoni biex jemenda l-Konvenzjoni. Din il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill tikkonċerna l-pożizzjoni li għandha tittieħed f’ isem l-Unjoni fil-Kumitat

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orġini pan-Ewro-Mediterranji

Il-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orġini pan-Ewro-Mediterranji¹ tistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar l-orġini tal-prodotti kkummerċjati skont ftehimiet rilevanti konklużi bejn il-Partijiet Kontraenti.

Is-sistema tal-akkumulazzjoni tal-orġini pan-Ewro-Mediterranja tippermetti l-applikazzjoni ta’ akkumulazzjoni djagonali bejn il-25 Parti Kontraenti tal-Konvenzjoni: l-Unjoni, l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja, l-Iżvizzera, l-Alġerija, l-Eġittu, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Marokk, il-Palestina², is-Sirja, it-Tuneżija, it-Turkija, l-Albanija, il-Bożnija-Herzegovina, il-Kroazja, il-Maċedonja ta’ Fuq, il-Montenegro, is-Serbja, il-Kosovo^{*}, il-Gżejjer Faeroe, il-Moldova, il-Georgia u l-Ukrajna. Tistabbilixxi qafas multilaterali ta’ regoli tal-orġini għal network ta’ ftehimiet ta’ kummerċ ħieles, u tapplika mingħajr preġudizzju għall-prinċipji stabbiliti f’dawk il-ftehimiet. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ b’rabta mal-Unjoni fl-1 ta’ Mejju 2012.

2.2. Il-Kumitat Konġunt tal-PEM

Il-Kumitat Konġunt tal-PEM stabbilit bl-Artikolu 3(1) tal-Konvenzjoni u l-appendiċijiet tagħha jadotta emendi għall-Konvenzjoni, jamministra din il-Konvenzjoni u jiżgura l-implimentazzjoni xierqa tagħha f’konformità mal-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni. F’konformità mal-Artikolu 12 tar-Regoli ta’ Proċedura tal-Kumitat Konġunt tal-PEM, id-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt jiġu adottati b’vot unanimu tal-Partijiet Kontraenti li għalihom tkun daħlet fis-seħħ il-Konvenzjoni, preżenti jew rappreżentati fil-laqgħa tal-Kumitat Konġunt tal-PEM.

Il-Partijiet Kontraenti li għalihom daħlet fis-seħħ il-Konvenzjoni għandhom id-drittijiet tal-vot. Kull Parti Kontraenti għandha vot wieħed.

2.3. L-att previst tal-Kumitat Konġunt tal-PEM

Il-proċess ta’ emendar tal-Konvenzjoni beda fl-2012 u twettaq fi ħdan il-Grupp ta’ Ħidma PEM li ltaqa’ mill-inqas darbtejn fis-sena. Matul dan il-proċess, l-Istati Membri ġew involuti b’mod regolari permezz ta’ fora differenti (il-Grupp ta’ Esperti Doganali – Taqsima tal-Orġini, il-Grupp ta’ Ħidma tal-Unjoni Doganali tal-Kunsill, il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali).

L-att previst se jikkonkludi r-reviżjoni tar-regoli tal-orġini tal-Konvenzjoni PEM. Wara l-ewwel tentattiv matul d-9 laqgħa tiegħu fis-27 ta’ Novembru 2019, il-Kumitat Konġunt tal-

¹ ĠU L 54, 26.2.2013, p. 4.

² Din id-deżinjazzjoni ma għandhiex tiġi interpretata bħala rikonossiment ta’ Stat tal-Palestina u hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet individwali tal-Istati Membri fuq din il-kwistjoni.

^{*} Din id-deżinjazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

PEM iddeċieda li jipposponi vot biex tinkiseb unanimità fi stadju aktar tard fid-dawl tar-riżervi espressi minn xi wħud mill-Partijiet Kontraenti. L-UE se tkompli tindirizza dawn ir-riżervi fuq bażi bilaterali u se tilħaq ftehim qabel id-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni riveduta. Dawn ir-riżervi huma bbażati fuq il-possibbiltà li jibbenefikaw minn xi derogi limitati mir-regoli tal-orijini.

B'mod parallel, Partijiet Kontraenti oħra tal-PEM introduċew il-kontenut tar-reviżjoni tar-regoli tal-orijini fil-protokoll bilaterali tagħhom dwar ir-regoli tal-orijini fuq bażi tranżizzjonali, filwaqt li stennew l-adozzjoni ta' regoli tal-orijini għodda tal-Konvenzjoni PEM.

Fid-29 ta' Novembru 2023, waqt il-15-il laqgħa tiegħu, il-Kumitat Konġunt tal-PEM se jadotta deċiżjoni rigward l-emendar tal-Konvenzjoni ("l-att previst").

L-għan tal-att previst huwa li jemenda r-regoli tal-orijini sabiex jikkorrispondu aħjar mar-realtà ekonomika. L-att previst isir vinkolanti għall-Partijiet Kontraenti f'konformità mal-Artikolu 4(3)(a) tal-Ftehim, jiddikjara: "Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta, permezz ta' deċiżjonijiet, emendi għal din il-Konvenzjoni, inklużi emendi għall-Appendiċijiet". Barra minn hekk, l-aħħar sentenza tal-Artikolu 4(3)(a) tiddikjara: "Id-deċiżjonijiet li ssir referenza għalihom f'dan il-paragrafu għandhom jiddaħħlu fis-seħħ mill-Partijiet Kontraenti skont il-leġiżlazzjoni tagħhom stess."

L-emendi għall-Konvenzjoni jenħtieġ li jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025.

3. POŻIZZJONI LI TRID TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI

L-emendi proposti tal-Konvenzjoni jipprevedu diversi flessibbiltajiet u elementi addizzjonali ta' modernizzazzjoni. Dawn l-emendi huma konsistenti ma' dawg diġà miftiehma mill-Unjoni fi ftehimiet reċenti oħra ta' kummerċ ħieles (il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit, il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u New Zealand, il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-UE u l-Ġappun, il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-UE u l-Komunità għall-Iżvilupp tal-Afrika t'Isfel jew l-iskemi preferenzjali (SGP)). It-titjib jikkonsisti fl-introduzzjoni ta' regoli ġeneralment aktar flessibbli, aġġornati u simplifikati li jagħmluha aktar faċli għall-industrija tal-UE li tilħaq ir-rekwiżiti tal-orijini, u għalhekk, li ttejjeb il-kompetittività tal-esportazzjoni tagħhom. It-test emendat ma jbidilx id-dispożizzjonijiet istituzzjonali tal-Konvenzjoni attwali.

3.1. Dettalji tar-regoli tal-orijini emendati

(a) Derogi

Il-Konvenzjoni emendata tikkodifika u tintroduċi aktar trasparenza fil-prattika attwali, skont liema l-Partijiet Kontraenti jistgħu jaqblu b'mod bilaterali dwar regoli li jidderogaw mir-regoli komuni tal-Konvenzjoni, billi jirrikjedu n-notifika ta' tali derogi (l-Artikolu 1(3) il-ġdid tal-Konvenzjoni PEM riveduta). Id-derogi eżistenti jibqgħu fis-seħħ u ma jiġux affettwati mill-obbligu ta' notifika (l-Artikolu 1(2) il-ġdid tal-Konvenzjoni PEM riveduta).

(b) Prodotti miksuba għalkollox - il-kundizzjonijiet "tal-bastimenti"

Il-"kundizzjonijiet" tal-bastimenti li jinsabu fis-sett emendat tar-regoli huma aktar sempliċi u jipprevedu aktar flessibbiltà (l-Artikolu 3(2)). Meta mqabbla mat-test attwali, ċerti kundizzjonijiet tħassru (pereżempju rekwiżiti speċifiċi tal-ekwipaġġ) filwaqt li oħrajn ġew emendati sabiex jipprevedu aktar rilassament (pereżempju s-sjieda).

(c) Biżżejjed ħidma jew ipproċessar – bażi medja

Is-sett emendat tar-regoli propost jagħti l-flessibbiltà lill-esportatur li jitlob awtorizzazzjoni lill-awtoritajiet doganali biex jikkalkulaw il-prezz mill-fabbrika ta' prodott u l-valur tal-materjali mhux oriġinarji użati fuq bażi medja biex jitqiesu l-varjazzjonijiet fil-kostijiet u fir-rati tal-kambju (l-Artikolu 4(3) sa (6)). Dan jenħtieġ jagħti aktar prevedibbiltà lill-esportaturi.

(d) Tolleranza

Bħalissa t-tolleranza hi stabbilita għal 10 % fil-valur tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott (l-Artikolu 5).

Għall-prodotti agrikoli, it-test propost jipprovdi tolleranza ta' 15 % tal-piż nett tal-prodott, u għall-prodotti industrijali jipprovdi tolleranza ta' 15 % fil-valur tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott (l-Artikolu 5).

It-tolleranza fil-piż tintroduċi kriterju aktar oġġettiv u livell limitu ta' 15 % jenħtieġ li jipprovdi livell ta' klemenza suffiċjenti. Din tiżgura wkoll li l-varjazzjonijiet internazzjonali fil-prezzijiet tal-prodotti bażiċi ma jħallux impatt fuq l-oriġini tal-prodotti agrikoli.

(e) Akkumulazzjoni

It-test propost (l-Artikolu 7) iżomm l-akkumulazzjoni dijagonali eżistenti dwar materjali oriġinarji għall-prodotti kollha.

Barra minn hekk, dan jipprevedi akkumulazzjoni sħiħa ġeneralizzata djagonali għall-prodotti kollha għajr għat-tessuti u għall-ħwejjeġ fil-Kapitoli 50-63 tas-Sistema Armonizzata (SA).

Għall-prodotti fil-Kapitoli 50-63 tas-SA, it-test propost jipprevedi biss akkumulazzjoni sħiħa bilaterali. Fl-aħħar nett, il-Partijiet Kontraenti se jkollhom l-għażla li jaqblu li jestendu l-akkumulazzjoni sħiħa ġeneralizzata djagonali wkoll għall-prodotti fill-Kapitoli 50-63 tas-SA.

(f) Segregazzjoni tal-kontabbiltà

Skont ir-regoli attwali (l-Artikolu 20), l-awtoritajiet doganali jistgħu jawtorizzaw segregazzjoni tal-kontabbiltà meta “jinqalgħu kostijiet jew diffikultajiet materjali konsiderevoli fiż-żamma ta' stokkijiet separati”. Ir-regola emendata (l-Artikolu 12) tistipula li l-awtoritajiet doganali jistgħu jawtorizzaw is-segregazzjoni tal-kontabbiltà “jekk jintużaw materjali funġibbli oriġinarji u mhux oriġinarji”.

Esportatur li jitlob awtorizzazzjoni għas-segregazzjoni tal-kontabbiltà mhux se jkollu aktar għalfejn jipprovdi ġustifikazzjoni li ż-żamma separata tal-istokkijiet ssarraff f'kost konsiderevoli jew twassal għal diffikultajiet materjali, se jkun biżżejjed li jindika li jintużaw materjali funġibbli.

L-istokkijiet taz-zokkor oriġinarji u mhux oriġinarji mhux se jkollhom jibqgħu jinżammu separati fiżikament, irrispettivament minn jekk iz-zokkor huwiex materjal jew prodott finali.

(g) Prinċipju ta' territorjalità

Ir-regoli attwali (l-Artikolu 11) jippermettu li ċertu xogħol jew ipproċessar isir barra mit-territorju skont ċerti kundizzjonijiet, għajr għall-prodotti fil-Kapitoli 50-63 tas-SA. Ir-regoli proposti (l-Artikolu 13) ma għadhomx jinkludu l-esklużjoni għat-tessuti.

(h) Nonalterazzjoni

Ir-regola tan-nonalterazzjoni proposta (l-Artikolu 14) tissostitwixxi d-dispożizzjonijiet dwar it-trasport dirett. Tippermetti wkoll aktar klemenza fil-moviment ta' prodotti oriġinarji bejn Partijiet Kontraenti. Jenħtieġ tevita sitwazzjonijiet fejn prodotti li għalihom ma jkun hemm l-ebda dubju dwar l-istatus oriġinarju tagħhom, jiġu esklużi mir-rata preferenzjali waqt l-importazzjoni għax ir-rekwiżiti formali tad-dispożizzjoni tat-trasport dirett ma jiġux issodisfati.

(i) Projbizzjoni ta' rifużjoni ta' dazji doganali jew eżenzjoni minnhom

Skont ir-regoli attwali (l-Artikolu 14), il-prinċipju ġenerali tal-projbizzjoni tar-rifużjoni japplika għall-materjali użati fil-manifattura ta' kwalunkwe prodott. Bir-regoli emendati (l-Artikolu 16) titneħħa l-projbizzjoni għall-prodotti kollha, għajr għall-materjali użati fil-manifattura ta' prodotti li jaqgħu fl-ambitu tal-Kapitoli 50-63 tas-SA (tessuti u ħwejjeġ). Madankollu, it-test jipprevedi wkoll xi eċċezzjonijiet għall-projbizzjoni tar-restituzzjoni tad-dazju fuq dawn il-prodotti.

(j) Prova tal-oriġini

Ir-regoli emendati (l-Artikolu 17(1)) jintroduċu tip wieħed ta' prova tal-oriġini (ċertifikat EUR.1 jew dikjarazzjoni tal-oriġini) minflok l-avviċinament doppju attwali ta' EUR.1 u EUR-MED. Dan jissimplifika s-sistema b'mod sostanzjali. Jenħtieġ li ttejjeb ukoll il-konformità tal-operaturi ekonomiċi billi tevita l-iżbalji minħabba regoli kumplessi u tiffaċilita l-ġestjoni mill-awtoritajiet doganali. Fl-istess waqt, dan ma jaffettwax il-kapaċità tal-verifika tal-provi tal-oriġini, li tibqa' l-istess.

Ir-regoli emendati (l-Artikolu 17(3)) jinkludu wkoll l-alternattiva ta' qbil dwar l-applikazzjoni ta' sistema ta' esportaturi rreġistrati (REX). Dawn l-esportaturi rreġistrati f'bażi tad-*data* komuni se jkunu responsabbli biex jagħmlu dikjarazzjonijiet huma stess dwar l-oriġini mingħajr ma jgħaddu mill-proċedura tal-esportaturi approvati. Id-dikjarazzjoni tal-oriġini jkollha l-istess valur ġuridiku bħad-dikjarazzjoni tal-oriġini jew iċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1. Ir-regoli emendati jipprevedu wkoll il-possibbiltà futura li jiġu applikati ċertifikati ta' oriġini maħruġa b'mod elettroniku (l-Artikolu 17(4)).

(k) Validità tal-prova tal-oriġini

Huwa propost li l-perjodu ta' validità ta' prova tal-oriġini jiġi estiż minn 4 għal 10 xhur (l-Artikolu 23). Tippermetti wkoll aktar klemenza fil-moviment ta' prodotti orġinarji bejn il-Partijiet.

3.2. Dettalji tar-regoli tal-lista emendata

3.2.1. *Prodotti agrikoli*

(a) Valur u piż

Il-limitu tal-materjali mhux orġinarji ġie espress biss fil-valur. Il-livelli limiti l-ġodda huma espressi bħala piż biex tkun evitata l-fluttwazzjoni fil-prezzijiet u fir-rata tal-kambju (eż. l-ex Kapitoli 19, 20, 2105, 2106), u ċertu limiti għaz-zokkor mhux orġinarju (eż. il-kapitolu 8 jew is-SA 2202) huma mħassra.

Is-sett emendat ta' regoli jgħolli l-livell limitu tal-piż massimu tal-materjali mhux orġinarji (minn 20 % għal 40 %) u jintroduċi l-possibbiltà f'xi intestaturi għall-operaturi li jagħżlu l-limiti tal-valur jew tal-piż. Il-kapitoli u l-intestaturi tas-SA kkonċernati bil-bidla huma b'mod partikolari: ex-1302, 1704 (piż jew valur ta' regola alternattiva), 1806 (piż jew valur ta' regola alternattiva) u 1901.

(b) Adattament għax-xejriet tal-akkwist

Prodotti agrikoli oħra (jiġifieri ż-żjut veġetali, il-ġwież, it-tabakk) huma koperti b'regoli aktar flessibbli adattati għar-realtà ekonomika b'mod partikolari għall-Kapitoli 14, 15, 20 (inkluż l-intestatura 2008), 23 u 24 tas-SA. Is-sett emendat tar-regoli jikseb bilanċ bejn is-sorsi reġjonali u dawk globali (il-Kapitoli 9 u 12 tas-SA). Ir-regoli ġew ukoll simplifikati (inqas eċċezzjonijiet) fil-Kapitoli 4, 5, 6, 8, 11 u ex-13 tas-SA.

3.2.2. *Prodotti industriali (għajr it-tessuti)*

Il-kompromess propost fih bidliet konsiderevoli meta mqabbel mar-regoli PEM attwali biex jiġu allinjati mal-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles reċenti tal-UE:

Ir-regola attwali tal-Kapitolu fiha kundizzjoni kumulattiva doppja għal għadd ta' prodotti. Din tbidlet għal kundizzjoni waħda (il-Kapitolu 74, 75, 76, 78 u 79 tas-SA);

Tħassru għadd kbir ta' regoli speċifiċi li jidderogaw mir-regola tal-Kapitolu (il-Kapitolu 28, 35, 37, 38 u 83 tas-SA). Dan l-approċċ aktar orizzontali se jirriżulta f'ambjent aktar sempliċi għall-operaturi u għad-dwana.

Il-biċċa l-kbira tar-regoli saru aktar flessibbli li jippermettu aktar input mhux oriġinarju biex jirrifletti realtazjiet ekonomiċi ġodda u integrazzjoni progressiva tal-industrija tal-pajjiżi PEM mal-ktajjen tal-valur globali, filwaqt li jiġi żgurat li jitwettaq ipproċessar sinifikanti fil-qasam tal-PEM. Ġeneralment, fil-każ ta' prodotti industriali, il-manifatturi issa jistgħu jakkwistaw sa 50 % tal-materjali mhux oriġinarji espressi bħala perċentwal tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott meta mqabbel mal-25-40 % permess skont il-Konvenzjoni PEM attwali. Il-livell limitu ta' materjali mhux oriġinarji għall-karozzi ġie llaxkat minn 40 għal 45 %.

Barra minn hekk, kull meta jkun rilevanti, ġew inklużi regoli alternattivi, ġeneralment bidla fir-regola tal-klassifikazzjoni u, fil-każ ta' prodotti kimiċi, regoli tal-ipproċessar. B'riżultat ta' dan, l-oriġini tingħata billi jiġi ssodisfat kriterju alternattiv wieħed jew aktar u b'hekk l-esportatur jiġi offrut aktar għażliet dwar kif jissodisfa l-kriterju tal-oriġini (il-Kapitolu 27, 28 sa 40, 42, 44, 70 u 83, 84 u 85).

Dawn il-bidliet kollha jirriżultaw f'regoli tal-lista aġġornati u aktar flessibbli li b'mod ġenerali se jiffaċilitaw il-konformità mar-regoli tal-oriġini għall-operaturi ekonomiċi, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Barra minn hekk, il-possibbiltà msemmija hawn fuq li tintuża bażi medja fuq perjodu taż-żmien tista' tipprevedi aktar simplifikazzjoni għall-esportaturi.

3.2.3. *Tessuti*

Għat-tessuti u l-ħwejjeġ, ir-regoli l-ġodda jżommu l-possibbiltazjiet eżistenti biex jinkiseb status oriġinarju, minbarra li ġew abbozzati mill-ġdid biex jirriflettu operazzjonijiet speċifiċi. Ġew introdotti alternattivi ġodda fir-rigward tal-ipproċessar passiv u t-tolleranzi. Ġew introdotti wkoll proċessi ġodda għall-ġhoti tal-oriġini għal dawn il-prodotti, speċjalment għat-tessut li se jsir disponibbli aktar faċilment. Fl-aħħar nett, il-kumulu sħiħ bilaterali se japplika wkoll għal dawn il-prodotti. B'dan il-kumulu, l-ipproċessar li jsir fuq il-materjali tessili (jiġifieri l-insiġ, it-tidwir eċċ.) se jkun jista' jitqies fil-proċess tal-produzzjoni fiż-żona tal-kumulu.

3.3 **Dħul fis-seħħ**

L-emendi għall-Konvenzjoni se jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025 jew fid-data li trid tiġi miftiehma mill-Kumitat Konġunt tal-PEM)

4. **BAŻI ĠURIDIKA**

4.1. **Bażi ġuridika proċedurali**

4.1.1. *Il-Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu "l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim."

Il-kunċett tal-“atti li jkollhom effetti legali” jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola s-sede inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll strumenti li ma jkollhomx effetti vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-UE”³.

4.1.2. *Applikazzjoni għall-każ preżenti*

Il-Kumitat Konġunt tal-PEM huwa korp stabbilit permezz ta’ ftehim, jiġifieri l-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orġini pan-Ewro-Mediterranji.

L-att li l-Kumitat Konġunt tal-PEM huwa mitlub jadotta jikkostitwixxi att b’effetti legali. L-att previst se jkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f’konformità mal-Artikolu 4(3) tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orġini pan-Ewro-Mediterranji.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas ma jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hi l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. **Bażi ġuridika sostantiva**

4.2.1. *Il-Prinċipji*

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-oġġettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f’isem l-Unjoni.

4.2.2. *Applikazzjoni għall-każ preżenti*

L-oġġettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst huma relatati mal-politika kummerċjali komuni.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva għad-deċiżjoni proposta hi l-Artikolu 207(3) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) tat-TFUE.

4.3. **KONKLUŻJONIJIET**

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 207(3) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

5. **IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA**

L-emendi għall-Konvenzjoni PEM huma bbażati fuq prinċipju ta’ modernizzazzjoni tar-regoli tal-orġini sabiex jiġu allinjati max-xejriet il-ġodda stabbiliti mill-ftehimiet ta’ kummerċ ħieles reċenti. Ir-regoli emendati fil-Konvenzjoni PEM fihom, fil-biċċa l-kbira, elementi ta’ simplifikazzjoni tal-proċeduri doganali u elementi ta’ modernizzazzjoni, bħal:

- Biżżejjed ħidma jew ipproċessar – bażi medja: biex il-prezzijiet mill-fabbrika u l-valur ta’ materjali mhux oriġinarji se jiġu kkalkulati fuq bażi medja filwaqt li jitqiesu l-fluttwazzjonijiet, l-esportaturi se jkollhom aktar prevedibbiltà;
- Prova tal-orġini: din se tkun simplifikata peress li se jintuża tip wieħed biss ta’ ċertifikat tal-orġini – EUR.1;
- Validità tal-prova tal-orġini: din tippermetti aktar klemenza b’rabta mal-moviment ta’ prodotti oriġinarji, billi żżid il-validità minn 4 xhur għal 10 xhur.

Dawn l-emendi għall-Konvenzjoni PEM ma għandhomx impatt li jista’ jitkejjel fuq il-baġit tal-UE peress li l-kamp ta’ applikazzjoni tagħhom jikkonċerna prinċipalment il-faċilitazzjoni

³ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

tal-kummerċ u l-konsolidazzjoni ta' Prattiki moderni mill-awtoritajiet doganali. Jipprevedu faċilitazzjoni fakultattiva fl-oqsma li jibqgħu taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet mingħajr ma jkollhom impatt fuq is-sustanza tar-regoli (segregazzjoni kontabilistika, provi tal-oriġini, teħid ta' medja). Uħud mill-aspetti tas-simplifikazzjoni (bħat-tnaqis tal-kriterji tal-bastimenti) jipprevedu aktar prevedibbiltà billi jneħħu l-kundizzjonijiet li bħalissa huma diffiċli biex jiġu kkontrollati mill-awtoritajiet doganali. Oħrajn, bħan-nonalterazzjoni, jirreferu għal-loġistika mingħajr ma jaffettwaw is-sustanza tar-regoli.

Għalkemm id-dispożizzjonijiet dwar ir-restituzzjoni tad-dazju huma emendati, il-projbizzjoni tar-restituzzjoni tad-dazju tinżamm fis-settur tat-tessuti u tal-ħwejjeġ, li jibqa' wieħed mis-setturi ewlenin tal-kummerċ fiż-żona PEM. Ir-regoli emendati jikkodifikaw l-istatus quo billi jżommu fis-seħħ il-projbizzjoni li bħalissa qed tiġi applikata b'xi Partijiet Kontraenti. Il-ġeneralizzazzjoni proposta ta' akkumulazzjoni sħiħa fiż-żona PEM għandha l-għan li ssaħħaħ ix-xejriet kummerċjali eżistenti fiż-żona u l-komplementarjetà tagħhom. Din ma għandhiex taffettwa konsiderevolment id-dazji doganali tal-UE miġbura peress li l-prodotti soġġetti għall-kumulu se jkollhom jikkonformaw mar-rekwiżit tagħhom stess ta' valur miżjud fiż-żona sabiex jibbenefikaw minn preferenzi, kif inhu l-każ bħalissa.

L-emendi għar-regoli tal-lista fis-settur tal-prodotti agrikoli u l-prodotti agrikoli pproċessati jikkonsistu prinċipalment minn metodoloġija adattata mingħajr ma tiġi affettwata s-sustanza tar-regoli. Il-livelli limiti eżistenti li bħalissa espressi f'valuri se jiġu espressi f'piżijiet. Dan il-kriterju huwa aktar oġġettiv u aktar faċli għall-awtoritajiet doganali biex jikkontrollawhom. Is-simplifikazzjoni tar-regoli speċifiċi għall-prodott għall-prodotti industrijali hija mistennija li jkollha impatt limitat fuq id-dħul mid-dazji doganali, peress li f'ħafna każijiet dawn jistgħu jwasslu għal aktar bidliet fl-akkwist milli f'żidiet fl-importazzjonijiet preferenzjali mill-pajjiżi tal-PEM li jissostitwixxu l-importazzjonijiet li qabel kienu soġġetti għal dazji tal-importazzjoni. Għalhekk, l-impatt ta' daww il-bidliet fuq id-dħul mid-dazju fuq l-importazzjoni mhuwiex kwantifikabbli.

F'termini ta' kummerċ u tal-impatt fuq l-użu tal-preferenzi, ir-rilassamenti fir-regoli l-ġodda jenfasizzaw l-integrazzjoni ekonomika fiż-żona kollha, pereżempju fis-settur tat-tessuti fejn l-użu tal-preferenzi diġà huwa għoli ħafna. Ir-regoli mtejbja dwar it-tessuti u l-kumulu huma prinċipalment maħsuba biex isaħħu l-integrazzjoni reġjonali diġà eżistenti u d-disponibbiltà tal-materjali fiż-żona, aktar milli biex jippermettu li jiġu importati aktar materjali mhux oriġinarji minn barra.

6. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Billi l-att tal-Kumitat Konġunt tal-PEM se jemenda l-Konvenzjoni, huwa xieraq li din tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea wara l-adozzjoni tagħha.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt imwaqqaf mill-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji fir-rigward tal-emendar tal-Konvenzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 207(3) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji (“il-Konvenzjoni”) ġiet konkluża mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/93/UE¹ u daħlet fis-seħħ fir-rigward tal-Unjoni fl-1 ta' Mejju 2012.
- (2) Is-sistema tal-akkumulazzjoni tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranja tippermetti l-applikazzjoni ta' akkumulazzjoni djagonali bejn il-25 Parti Kontraenti tal-Konvenzjoni: l-Unjoni, l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja, l-Iżvizzera, l-Alġerija, l-Eġittu, l-Iżrael, il-Gordani, il-Libanu, il-Marokk, il-Palestina², is-Sirja, it-Tuneżija, it-Turkija, l-Albanija, il-Bożnija-Herzegovina, il-Kroazja, il-Maçedonja ta' Fuq, il-Montenegro, is-Serbja, il-Kosovo*, il-Gżejjer Faeroe, il-Moldova, il-Georgia u l-Ukrajna.
- (3) Il-Konvenzjoni tipprevedi li r-regoli tal-oriġini se jkollhom jiġu emendati sabiex jirrispondu aħjar għar-realtà ekonomika, u tistabbilixxi proċeduri għall-emendar tagħha stess. F'konformità mal-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni, l-emendi għall-Konvenzjoni għandhom jiġu adottati b'deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 3(1) tal-Konvenzjoni (“il-Kumitat Konġunt”).
- (4) Il-proċess ta' emendar tal-Konvenzjoni beda fl-2012 u rriżulta f'sett ġdid ta' regoli tal-oriġini iżjed moderni u iżjed flessibbli, li huma konsistenti ma' dawk diġà miftiehma mill-Unjoni f'ċerti ftehimiet oħra reċenti (il-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv bejn l-UE u l-Kanada (CETA), il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u l-Vjetnam, il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-UE u l-Ġappun, il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-UE u l-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika) jew fi skemi preferenzjali (Sistema Ġeneralizzata tal-Preferenzi).

¹ ĠU L 54, 26.2.2013, p. 3–158

² Din id-deżinjazzjoni ma għandhiex tiġi interpretata bħala rikonoxximent ta' Stat tal-Palestina u hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet individwali tal-Istati Membri fuq din il-kwistjoni.

* Din id-deżinjazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

- (5) Fis-27 ta' Novembru 2019, il-Kummissjoni Ewropea, filwaqt li aġixxiet bħala s-Segretarjat tal-Konvenzjoni PEM, ippresediet id-9-il laqgħa tal-Kumitat Konġunt tal-PEM, biex tistieden lill-Partijiet Kontraenti kollha jesprimu l-pożizzjoni tagħhom dwar l-adozzjoni formali tar-regoli ta' orġini riveduti tal-Konvenzjoni PEM. Madankollu, ir-regoli riveduti ma setgħux jiġu adottati fil-Kumitat Konġunt fid-dawl tar-riżervi espressi minn xi wħud mill-Partijiet Kontraenti. Fl-14 ta' Ġunju 2023 fl-14-il laqgħa tal-Kumitat Konġunt PEM, il-Partijiet Kontraenti kollha esprimew l-appoġġ tagħhom bir-riżerva li l-kwistjonijiet bilaterali ser ikunu soġġetti għal diskussjonijiet tekniċi li għandhom jiġu ffinalizzati qabel id-dħul fis-seħħ tar-regoli l-ġodda.
- (6) Il-Kumitat Konġunt huwa mistenni li jadotta Deċiżjoni dwar l-emendar tal-Konvenzjoni matul il-laqgħa tiegħu tad-29 ta' Novembru 2023 jew f'data aktar tard.
- (7) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt, għaliex id-Deċiżjoni se tkun vinkolanti fuq l-Unjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt imwaqqaf mill-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orġini pan-Ewro-Mediterranji għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*